2025/1472

19.7.2025

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2025/1472

tal-18 ta' Lulju 2025

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/1471 tal-18 ta' Lulju 2025 li temenda d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Mejju 2006, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 765/2006 ([2]).

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 765/2006 jagħti effett lill-miżuri previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK ([3]).

(3) Fil-18 ta' Lulju 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/1471 u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (PESK) 2025/1461 ([4]).

(4) Id-Deċiżjoni 2012/642/PESK tipprojbixxi l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni lejn il-Belarussja ta' armi u materjal relatat ta' kull tip. Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1471 tipprojbixxi wkoll l-akkwist mill-Belarussja ta' armi u materjal relatat ta' kull tip.

(5) Sabiex tissaħħaħ l-effettività tal-miżuri restrittivi imposti b'reazzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, jeħtieġ li jiġi indirizzat ir-riskju ta' ċirkomvenzjoni ta' dawk il-miżuri permezz tal-esportazzjoni indiretta li tgħaddi minn pajjiżi terzi. L-oġġetti u t-teknoloġija elenkati fl-Anness Va jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tal-Belarussja jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u s-sigurtà tagħha, inkluż meta jiġu esportati bil-pretest li huma intiżi għall-użu finali ċivili. Il-projbizzjoni fuq esportazzjoni indiretta tkopri l-esportazzjoni ta' oġġetti li huma elenkati fl-Annessi tar-Regolament (UE) Nru 765/2006, inkluż permezz ta' pajjiż terz. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jieħdu azzjoni preventiva f'waqtha fejn ikun hemm riskju kredibbli li tali oġġetti esportati lejn pajjiżi terzi fl-aħħar mill-aħħar jistgħu jiġu ddevjati lejn il-Belarussja. Għalhekk, id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1471 tipprovdi lill-Istati Membri mekkaniżmu amministrattiv fakultattiv li jippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jirrikjedu awtorizzazzjoni minn qabel għall-esportazzjoni ta' oġġetti elenkati fl-Anness Va lejn kwalunkwe pajjiż terz, fejn l-esportatur ikun ġie infurmat li hemm raġuni suffiċjenti biex jiġi ssuspettat li d-destinazzjoni finali tal-oġġetti tista' tkun fil-Belarussja jew li l-użu finali tal-oġġetti jista' jkun għall-entitajiet Belarussi. Dik il-miżura mhijiex maħsuba biex timponi restrizzjoni ġenerali ġdida, iżda biex tgħammar lill-Istati Membri b'għodda effettiva u proporzjonata biex jinvestigaw u jipprevjenu ċ-ċirkomvenzjoni possibbli tal-miżuri restrittivi, filwaqt li tiżgura interpretazzjoni armonizzata u ċarezza legali għall-esportaturi. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-klawżola ta' projbizzjoni tal-esportazzjoni indiretta jenħtieġ li ma jkunx affettwat minn din il-miżura. Huwa fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri li jiddeċiedu jekk dik il-miżura jew il-klawżola ta' projbizzjoni tal-esportazzjoni indiretta għandhiex tiġi applikata bħala mekkaniżmu ta' infurzar f'każijiet li fihom id-destinazzjoni finali tal-oġġetti tista' tkun fil-Belarussja jew l-użu finali tal-oġġetti jista' jkun għall-entitajiet Belarussi.

([1]) ĠU L, 2025/1471, 19.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/1471/oj.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 tat-18 ta' Mejju 2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna (ĠU L 134, 20.5.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/765/oj).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja u l-involviment tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna (ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2012/642/oj).
([4]) ĠU L, 2025/1461, 19.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/1461/oj.

(6) Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1471 testendi projbizzjoni fuq it-tranżazzjonijiet mal-projbizzjoni eżistenti dwar il-forniment ta' servizzi ta' messaġġi finanzjarji speċjalizzati lil ċerti istituzzjonijiet ta' kreditu Belarussi u lis-sussidjarji Belarussi tagħhom, li huma rilevanti għas-sistema finanzjarja Belarussa, u li diġà huma s-suġġett ta' miżuri restrittivi imposti mill-Unjoni. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1471 iżżid eżenzjonijiet relatati mal-funzjonament tar-rappreżentanzi diplomatiċi u konsulari tal-Unjoni u tal-Istati Membri jew tal-pajjiżi sħab fil-Belarussja, u, mat-tranżazzjonijiet magħmula minn ċittadini ta' Stat Membru li huma residenti fil-Belarussja. Hija żżid ukoll deroga għal tranżazzjonijiet li huma strettament meħtieġa għall-iżvestiment mill-Belarussja jew għall-istralċ ta' attivitajiet kummerċjali fil-Belarussja. Huwa mfakkar li l-miżuri restrittivi tal-Unjoni ma għandhomx effett extraterritorjali u ma jorbtux lill-operaturi inkorporati skont il-liġijiet ta' pajjiżi terzi, inklużi dawk tal-Belarussja. Għalhekk, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8i tar-Regolament (KE) Nru 765/2006, tranżazzjonijiet bejn persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru u s-sussidjarji tagħhom f'pajjiżi terzi ma jikkwalifikawx bħala ksur ta' dik il-projbizzjoni, inkluż jekk l-istituzzjonijiet ta' kreditu jew finanzjarji soġġetti għall-projbizzjoni jkunu involuti f'tali tranżazzjonijiet. L-eżenzjonijiet u d-deroga fl-Artikolu 1zb tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 huma mingħajr preġudizzju għall-projbizzjoni fuq l-operaturi fl-Unjoni li jipprovdu servizzi ta' messaġġi finanzjarji lill-entitajiet elenkati fl-Anness XV ta' dak ir-Regolament.

(7) Jenħtieġ li l-Istati Membri, bir-rispett dovut għall-obbligazzjonijiet internazzjonali applikabbli tagħhom, ma jirrikonoxxux jew jinfurzaw l-ebda inġunzjoni, ordni, eżenzjoni, sentenza ta' qorti għajr qorti ta' Stat Membru jew qorti oħra, deċiżjoni arbitrali jew amministrattiva maħruġa fi proċedimenti għajr dawk fl-Istati Membri skont jew derivati minn proċedimenti ta' soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-Istat b'rabta ma' miżuri imposti skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2006. L-implimentazzjoni effettiva tal-klawżola ta' ebda pretensjoni jenħtieġ li titqies bħala l-ordni pubbliku tal-Unjoni u tal-Istati Membri għall-finijiet tar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' arbitraġġ jew deċiżjonijiet ġudizzjarji jew amministrattivi. B'riżultat ta' dan, ir-rikonoxximent jew l-infurzar mill-Istati Membri ta' inġunzjoni, ordni, eżenzjoni, sentenza ta' qorti li mhijiex qorti ta' Stat Membru jew qorti oħra, deċiżjoni arbitrali jew amministrattiva maħruġa fi proċedimenti għajr dawk fl-Istati Membri skont jew derivata minn proċedimenti ta' soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-Istat li jistgħu jwasslu għas-sodisfazzjon ta' kwalunkwe pretensjoni b'rabta mal-miżuri imposti skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2006 jenħtieġ li jitqiesu bħala li jiksru l-ordni pubbliku tal-Unjoni u tal-Istati Membri. Dik id-dispożizzjoni jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligu ta' Stat Membru li jipparteċipa u jiddefendi ruħu fi proċedimenti mibdija kontrih u li jitlob ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjoni li jagħtih ir-rimborż tal-ispejjeż.

(8) Filwaqt li l-issodisfar tat-talbiet b'rabta mal-miżuri imposti skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2006 huwa pprojbit fl-Unjoni, inkluż fi proċedimenti ta' soluzzjoni barra mill-qorti, hemm evidenza li tissuġġerixxi li persuni, entitajiet jew korpi Belarussi, jew persuni, entitajiet jew korpi li jaġixxu permezz ta' jew f'isem waħda minn dawk il-persuni, entitajiet jew korpi Belarussi, jew li huma proprjetà ta' jew ikkontrollati minn tali persuni, entitajiet jew korpi, ifittxu jew jistgħu jfittxu li jibdew u jsegwu b'mod abbużiv proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim barra mill-Unjoni b'rabta mal-miżuri imposti skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2006, jew ifittxu jew jistgħu jfittxu li jiksbu illegalment ir-rikonoxximent jew l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' arbitraġġ mogħtija permezz ta' tali proċedimenti abbużivi għas-soluzzjoni tat-tilwim. Huwa għalhekk meħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jew l-Unjoni, fejn applikabbli, jkunu jistgħu jirkupraw fi proċedimenti quddiem qorti ta' Stat Membru kwalunkwe dannu kkawżat, inklużi spejjeż legali u spejjeż imġarrba fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mad-deċiżjoni ta' arbitraġġ mill-parti l-oħra, minn dawk il-persuni, entitajiet jew korpi u minn persuni, entitajiet jew korpi li huma s-sidien jew jikkontrollaw lil dawk il-persuni, entitajiet jew korpi, bħala konsegwenza tas-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-Istat b'rabta mal-miżuri imposti skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2006, dment li jkunu eżerċiti r-rimedji legali kollha disponibbli fil-ġuriżdizzjoni rilevanti. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jirkupraw tali danni f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u r-regoli konswetudinarji tad-dritt internazzjonali.

(9) Meta l-Istati Membri jkunu kkonfrontati b'deċiżjonijiet ta' arbitraġġ mogħtija kontrihom fi proċedimenti ta' soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-Istat b'rabta mal-miżuri imposti skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2006, jenħtieġ li huma jinvokaw kwalunkwe oġġezzjoni disponibbli għalihom fi proċedimenti domestiċi jew barranin għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' tali deċiżjonijiet. Dan jinkludi li titqajjem l-oġġezzjoni li r-rikonoxximent jew l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni jkunu kontra l-ordni pubbliku tal-pajjiż fejn jintalbu r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni, skont il-Konvenzjoni dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Deċiżjonijiet ta' Arbitraġġ Barranin tal-1958.

(10) L-applikazzjoni tad-dispożizzjoni tal-forum necessitatis jenħtieġ tiġi estiża għall-Artikolu 81.

(11) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (PESK) 2025/1461 iżżid entità ġdida mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi stabbilita fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2012/642/PESK, li hija l-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal restrizzjonijiet fir-rigward tal-awtorizzazzjonijiet għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġija b'użu doppju, u oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tal-Belarussja, jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u s-sigurtà tagħha.

(12) Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1471 tqis li jixraq li tiġi estiża l-lista ta' oġġetti li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tal-Belarussja jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u s-sigurtà tagħha billi jiżdiedu oġġetti li ntużaw mir-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna u oġġetti li jikkontribwixxu għall-iżvilupp jew il-produzzjoni tas-sistemi militari tal-Belarussja, inklużi prekursuri kimiċi għal materjali enerġetiċi, spare parts għall-għodod bil-magna, magni addizzjonali ta' kontroll numeriku bil-kompjuter (CNC, computer numerical control) u sustanzi kimiċi kostitwenti għall-propellanti.

(13) Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1471 tqis li jixraq li tiġi estiża l-lista ta' oġġetti soġġetti għal restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni li jistgħu jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet industrijali tal-Belarussja, bħal makkinarju, sustanzi kimiċi, xi metalli u plastiks. Sabiex jixxejjen ir-riskju ta' ċirkomvenzjoni ta' miżuri restrittivi, id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1471 tqis li jixraq li tiġi estiża l-lista ta' oġġetti u teknoloġija soġġetti għall-projbizzjoni fuq it-tranżitu mit-territorju tal-Belarussja.

(14) Dawn il-miżuri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għalhekk, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom fl-Istati Membri kollha, hija meħtieġa azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni.

(15) Għaldaqstant, ir-Regolament (KE) Nru 765/2006 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 765/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 1aa*

1. Għandu jkun ipprojbit ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasferiment, b'mod dirett jew indirett, tal-oġġetti u t-teknoloġija elenkati fil-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea (*) ('Lista Militari Komuni') fl-Unjoni jekk dawn joriġinaw fil-Belarussja jew jiġu esportati mill-Belarussja.

2. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasferiment relatati ma':

(a) l-għoti ta' spare parts u servizzi meħtieġa għall-manutenzjoni u s-sikurezza ta' kapaċitajiet eżistenti fl-Unjoni; jew

(b) l-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel is-20 ta' Lulju 2025, jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

Artikolu 1ab

1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, b'mod dirett jew indirett, tal-oġġetti u t-teknoloġija elenkati fil-Lista Militari Komuni, kemm jekk joriġinaw fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-projbizzjonijiet imsemmija fih ma għandhomx japplikaw għal:

(a) tagħmir militari mhux letali maħsub biss għal finijiet umanitarji jew għal użu protettiv jew għal programmi tan-NU u tal-Unjoni għall-bini ta' istituzzjonijiet, jew għal operazzjonijiet tal-UE jew tan-NU għall-immaniġġar ta' kriżijiet; jew

(b) vetturi mhux tal-kumbattiment mgħammra b'materjal li jipprovdi protezzjoni ballistika, maħsuba biss għall-użu protettiv ta' persunal tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha fil-Belarussja;

sakemm l-għoti tagħhom ikun ġie approvat minn qabel mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru, kif identifikat fis-siti web elenkati fl-Anness II.

3. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal ilbies protettiv, inklużi ġkieket tal-flak u elmi militari, esportati temporanjament lejn il-Belarussja minn persunal tan-NU, persunal tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha, rappreżentanti tal-media jew ħaddiema umanitarji u tal-iżvilupp u persuni assoċjati esklużivament għall-użu personali tagħhom.

(*) L-aħħar verżjoni ppubblikata fil-ĠU C, C/2025/1499, 6.3.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/1499/oj.";

(2) fl-Artikolu 1b(1), il-punti (a) sa (c) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) l-għoti, b'mod dirett jew indirett, ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija elenkati fil-Lista Militari Komuni, jew relatati mal-għoti, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' oġġetti inklużi f'dik il-lista, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja;

(b) l-għoti, b'mod dirett jew indirett, ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati ma' tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna kif elenkat fl-Anness III, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja;

(c) l-għoti, b'mod dirett jew indirett, ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti u t-teknoloġija elenkati fil-Lista Militari Komuni jew fl-Anness III, jew l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fil-Belarussja jew għall-użu fil-Belarussja;";

(3) Artikolu 1bb huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"3a. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 3 ma għandhomx japplikaw għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 3204 11, 3204 12, 3204 13, 3204 14, 3204 15, 3204 16, 3204 17, 3204 18, 3204 19, 3204 20, 3506 10, 3506 91, 3907 10, 3907 21, 3907 30, 3907 50, 3907 61, 3907 69 u 3907 99, kif elenkati fl-Anness XVIII, li huma meħtieġa għall-eżekuzzjoni sas-21 ta' Ottubru 2025 ta' kuntratti konklużi qabel is-20 ta' Lulju 2025, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

3b. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 3 ma għandhomx japplikaw għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 9032 89, kif elenkati fl-Anness XVIII, li huma meħtieġa għall-eżekuzzjoni sas-21 ta' Jannar 2026 ta' kuntratti konklużi qabel is-20 ta' Lulju 2025, jew ta' kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti";

(b) paragrafu 13 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"13. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti li ġejjin, jew l-għoti ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata, wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti jew l-għoti ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata huma meħtieġa għall-użu domestiku personali ta' persuni fiżiċi fil-Belarussja:

(a) oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 8417 20;

(b) tubi, pajpijiet u fittings tal-pajpijiet tar-ram li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 7411 jew 7412 li għandhom dijametru intern sa 50 mm;

(c) oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 8414 60;

(d) oġġetti li jaqgħu taħt NM 3916 20 meta strettament meħtieġa għall-bejgħ ta' pavimentar tal-PVC.";

(4) l-Artikolu 1f huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu li ġej jiġi inserit:

"1aa. Mingħajr preġudizzju għall-projbizzjoni fuq l-esportazzjonijiet indiretti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2021/821, għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġija li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tal-Belarussja, jew l-iżvilupp tas-settur tad-difiża u tas-sigurtà, kif elenkat fl-Anness Va ta' dan ir-Regolament, lejn kwalunkwe pajjiż terz għajr il-Belarussja, jekk l-esportatur ikun ġie infurmat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn l-esportatur ikun residenti jew stabbilit li l-oġġetti inkwistjoni huma jew jistgħu jkunu maħsuba, fl-intier tagħhom jew parzjalment, għal kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Belarussja, jew għall-użu fil-Belarussja.";

(b) il-paragrafu li ġej jiġi inserit:

"6a. Meta tkun meħtieġa awtorizzazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1aa, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipproċedu f'konformità mar-regoli u l-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2021/821, li għandhom japplikaw mutatis mutandis.";

(5) Artikolu 1zb huwa emendat kif ġej:

(a) paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għandu jkun ipprojbit l-involviment, b'mod dirett jew indirett, fi kwalunkwe tranżazzjoni ma' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness XV jew ma' kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti fil-Belarussja li aktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom huma b'mod dirett jew indirett proprjetà ta' entità elenkata fl-Anness XV.";

(b) il-paragrafi li ġejjin huma inseriti:

"1a. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal tranżazzjonijiet:

(a) li huma meħtieġa għall-funzjonament tar-rappreżentanzi diplomatiċi u konsulari tal-Unjoni u tal-Istati Membri jew ta' pajjiżi sħab fil-Belarussja, inklużi delegazzjonijiet, ambaxxati u missjonijiet, jew organizzazzjonijiet internazzjonali fil-Belarussja li jgawdu minn immunitajiet f'konformità mad-dritt internazzjonali; jew

(b) magħmula minn ċittadini ta' Stat Membru li huma residenti tal-Belarussja u li kienu hekk qabel l-24 ta' Frar 2022.

1b. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, tranżazzjonijiet li huma strettament meħtieġa għall-iżvestiment mill-Belarussja jew l-istralċ ta' attivitajiet kummerċjali fil-Belarussja.";

(6) fl-Artikolu 8d, jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"2a. L-ebda inġunzjoni, ordni, eżenzjoni, sentenza ta' qorti ġudizzjarja għajr qorti ta' Stat Membru jew qorti, deċiżjoni arbitrali jew amministrattiva oħra maħruġa fi proċedimenti għajr dawk fl-Istati Membri skont jew derivati minn proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-Istat kontra Stat Membru li jistgħu jwasslu għas-sodisfazzjon ta' kwalunkwe pretensjoni b'rabta mal-miżuri imposti skont dan ir-Regolament ma għandhom jiġu rikonoxxuti, mogħtija effett jew infurzati fi Stat Membru jekk jiġu invokati minn kwalunkwe persuna, entità jew korp imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b), (c) jew (d), jew persuni, entitajiet jew korpi li huma s-sidien ta' dawk il-persuni, entitajiet jew korpi jew jikkontrollawhom.

2b. L-ebda talba għal assistenza matul investigazzjoni jew proċedimenti oħra, u l-ebda piena jew penali oħra bbażata fuq inġunzjoni, ordni, eżenzjoni, sentenza ta' qorti għajr qorti ta' Stat Membru jew qorti oħra, deċiżjoni arbitrali jew amministrattiva maħruġa fi proċedimenti għajr dawk fl-Istati Membri skont jew derivata minn proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-Istat kontra Stat Membru b'rabta mal-miżuri imposti skont dan ir-Regolament ma għandha tiġi rikonoxxuta, tingħata effett jew tiġi infurzata fi Stat Membru jekk tiġi invokata minn kwalunkwe persuna, entità jew korp imsemmi fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b), (c) jew (d), jew persuni, entitajiet jew korpi li huma s-sidien ta' dawk il-persuni, l-entitajiet jew il-korpi jew li jikkontrollawhom.";

(7) l-Artikolu 8k huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 8k*

Meta l-ebda qorti ta' Stat Membru ma jkollha ġuriżdizzjoni skont dispożizzjonijiet oħra tal-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru, qorti ta' Stat Membru tista', fuq bażi eċċezzjonali, tisma' talba għad-danni mressqa skont l-Artikolu 8h jew l-Artikolu 8l, dment li l-każ ikollu konnessjoni suffiċjenti mal-Istat Membru tal-qorti invokata.";

(8) jiddaħħlu l-artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 8l*

Kwalunkwe Stat Membru għandu, fejn applikabbli, jieħu kwalunkwe miżura xierqa biex jirkupra jew ikun intitolat li jirkupra, fi proċedimenti ġudizzjarji quddiem il-qrati kompetenti ta' Stat Membru, kwalunkwe dannu dirett jew indirett, inklużi l-ispejjeż legali, imġarrba minn dak l-Istat Membru bħala konsegwenza tal-proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-Istat imressqa kontra Stat Membru b'rabta mal-miżuri imposti skont dan ir-Regolament. L-Istat Membru għandu, fejn applikabbli, ikun intitolat li jirkupra tali danni minn kwalunkwe persuna, entità jew korp imsemmija fl-Artikolu 8d(1), il-punti (a), (b), (c) jew (d), li jkunu bdew, intervjenew jew ipparteċipaw fis-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-Istat jew li jfittxu li jinfurzaw kwalunkwe għoti, deċiżjoni jew sentenza relatata mas-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-Istat u persuni, entitajiet jew korpi li huma s-sidien ta' jew jikkontrollaw kwalunkwe waħda minn dawk il-persuni, entitajiet jew korpi.

Fejn applikabbli, l-Unjoni għandha tkun intitolata li tirkupra kwalunkwe dannu mġarrab minnha taħt l-istess kondizzjonijiet.

Artikolu 8m

L-Istati Membri għandhom iqajmu kwalunkwe oġġezzjoni disponibbli għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ta' arbitraġġ li ngħataw kontrihom fi proċedimenti ta' soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-Istat b'rabta mal-miżuri imposti skont dan ir-Regolament.";

(9) l-Annessi huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-18 ta' Lulju 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

M. BJERRE

ANNESS

L-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) l-intestatura hija sostitwita b'din li ġejja:

"ANNESS V

LISTA TA' PERSUNI FIŻIĊI JEW ĠURIDIĊI, ENTITAJIET JEW KORPI LI SSIR REFERENZA GĦALIHOM FL-ARTIKOLI 1e(7), 1f(7), 1fa(1) u 1fa(1a)";

(b) tiġi inserita l-entità li ġejja:

"Legmash Plant OJSC";

(2) L-Anness Va huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti A, il-Kategorija VIII, it-taqsima X.C.VIII.004, partita "e. Nitrolamtu (CAS9056-38-6)" hija sostitwita b'"e. Nitrolamtu (CAS 9056-38-6)";

(b) fil-Parti A, il-Kategorija VIII, tiddaħħal it-taqsima li ġejja:

"X.C.VIII.005 Sustanzi kimiċi kostitwenti għall-propellanti kif ġej:

a. Diisoċjanat tat-Toluwen, fi kwalunkwe forma isomerika (CAS 584-84-9, 91-08-7, 26471-62-5, 9002-68-2, 26628-22-8);

b. Dijisoċjanat tad-Difenil tal-Metil (CAS 101-68-8);

c. Diisoċjanat tal-isoforon (CAS 4098-71-9);

d. Ksilidina fi kwalunkwe forma iżomerika (CAS 87-59-2, 95-68-1, 95-78-3, 87–62–7, 95–63–6 jew 108–69–0);

e. Polietere Terminat tal-Idrossi (HTPE);

f. Etere Kaprolattam Terminat tal-Idrossi (HTcE).

Nota Teknika:

Din il-partita tirreferi għal sustanza pura u għal kwalunkwe taħlita li jkollha mill-inqas 50 % ta' waħda mill-kimiki msemmija hawn fuq.";

(c) fil-Parti B, it-Tabella "5. Makkinarju għodda, tagħmir għall-manifattura addittiva, u elementi relatati" hija sostitwita b'dan li ġej:

"5. Makkinarju għodda, tagħmir għall-manifattura addittiva, u elementi relatati

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
8205 59 80	Għodda tal-idejn, inkluż diamanti tal-vitrara, għajr għodod tad-dar, u għodod għall-bennejja, mudellaturi, ħaddiema tas-siment, kaħħala u bajjada
8456 11	Makkinarju għodda għal xogħol fuq kwalunkwe materjal bit-tneħħija ta' materjal, imħaddem bil-laser
8456 30	Imħaddmin bi proċessi ta' skarg elettriku
8456 50	Magni tal-qtugħ b'ġettijiet ta' ilma
8457 10	Ċentri tax-xogħol bil-magni għall-ħidma tal-metall

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
8458 11	Tornijiet orizzontali, inklużi ċentri li jduru, għat-tneħħija tal-metall, ikkontrollati numerikament
8458 91	Tornijiet (inkluż ċentri tal-inturnjar) għat-tneħħija ta' metall, ikkontrollati numerikament (għajr tornijiet orizzontali)
8459 61	Magni tat-tħin għall-metalli, ikkontrollati numerikament (għajr tornijiet u ċentri tat-tidwir tal-intestatura 8458, magni way-type b'ras waħda, magni għat-titqib, magni għat-tħaffir u l-milling, magni għat-tħaffir, u magni għat-tħffir tat-tip tal-irkoppa)
8466 10	Holders tal-għodda, għal kwalunkwe tip ta' għodda tal-idejn u makkinarju għodda; irjus ta' forom (dieheads) jinfetħu waħedhom
8466 93	Parts u aċċessorji addattati biss jew prinċipalment għall-użu mat-tagħmir tal-intestaturi 8456 sa 8461, mhux speċifikati jew inklużi banda oħra
8485 20	Magni għall-manifattura addittiva permezz ta' depożitu tal-plastik jew tal-lasktu
8485 30	Magni għall-manifattura addittiva permezz ta' depożitu tal-ġibs, tas-siment, taċ-ċeramika jew tal-ħġieġ
8485 90	Partijiet ta' magni għall-manifattura addittiva";

(d) fil-Parti B, it-Tabella "6. Materjali enerġetiċi u prekursuri" hija sostitwita b'dan li ġej:

"6. Materjali u prekursuri enerġetiċi

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
2804 50 10	Il-boron
2829 11 00	Klorati tas-sodju
2829 19 00	Klorati oħrajn
2829 90	Perklorati; bromati u perbromati; jodati u oerjodati
4706 10	Polpi ta' fibri ġejjin minn (skart u fdal ta') karta jew kartun irkuprat ta' materjal ċellulożiku fibruż ieħor: Polpa ta' ħjut qosra (linters) tal-qoton
7603 10 00	Trabijiet ta' struttura nonlamellari
7603 20 00	Trabijiet ta' struttura lamellari; fjokki
8104 30 00	Frak tar-raspa tal-manjeżju, bċejjeċ li jaqgħu mit-torn u ħbub, magħżulin skont il-qies; trabijiet";

(e) fil-Parti B, it-Tabella "9. Partijiet, assemblaġġi u komponenti tal-makkinarju" hija sostitwita b'dan li ġej:

"9. Partijiet, assemblaġġi u komponent tal-makkinarju

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
8482 10	Bearings bir-rombli
8482 20	Bearings bir-rombli ġejjin għad-djieq (tapered), inklużi mmuntar ta' koni u rombli ġejjin għad-djieq
8482 30	Berings sferikali bir-rombli
8482 40 00	Bearings bir-rombli labar, inkluż assemblaġġi ta' gaġeġ u rombli labar
8482 91	Boċċi, labar u rombli
8482 50	Bearings bir-rombli ċilindriċi oħrajn, inkluż assemblaġġi ta' gaġeġ u rombli labar
8483 40 30	Viti tal-boċċi jew tar-rombli
8484 90 00	Settijiet jew assortimenti ta' gaskets u ġonot simili, mhux l-istess fil-kompożizzjoni, ippreżentati f'boroż, envelops jew pakki simili: oħrajn
9031 80 20	Strumenti, tagħmir u magni oħrajn, għall-kejl jew l-iċċekkjar ta' kwantitajiet ġeometriċi".

(3) fl-Anness XIVa, jiddaħħal il-kodiċi NM li ġej bejn il-kodiċi NM 8474 39 u l-kodiċi NM 8481 20:

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
"8479 82	Magni li jħalltu, jagħġnu, jisħqu, jogħrku, jgħarblu, inaqqu, jomoġenizzaw, jemulsifikaw jew iħawdu";

(4) Anness Vb huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*ANNESS Vb*

LISTA TA' PAJJIŻI SĦAB IMSEMMIJA FL-ARTIKOLI 1bb(7), 1e(4), 1f(4), 1fc(4), 1ga(4), 1jc(9), 1jc(13), 1s(4) U 1zb(1a)

[…]";

(5) L-Anness XVIII huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS XVIII

LISTA TA' OĠĠETTI U TEKNOLOĠIJI LI JISTGĦU JIKKONTRIBWIXXU GĦAT-TKABBIR TAL-KAPAĊITAJIET INDUSTRIJALI BELORUSSI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1bb

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
0601	Basal, tuberi, għeruq tuberużi, ħanxul, qċaċet u riżomi, reqdin, jarmu jew bil-ward; pjanti taċ-ċikwejra u għeruq għajr dawk l-għeruq tal-intestatura 1212
0602 30	Rododendri uażalej, imlaqqmin jew le
0602 40	Ward, imlaqqmin jew le

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
0602 90	Pjanti ħajjin oħrajn (inkluż l-għeruq tagħhom), biċċiet u brokkijiet; żergħa bajda tal-fungi – Oħrajn
0604 20	Faxxina, friegħi u partijiet oħra ta' pjanti, mingħajr fjuri jew blanzuni, u ħaxix, ħażiż u likeni, li jkunu ta' xorta adatta għal bukketti jew għal finijiet ta' tiżjin, friski, mnixxfin, mogħtijin il-kulur, ibbliċjati, mimlijin jew imħejjijin mod ieħor - Friski
2508	Tafal, andalusit, kjanit u sillimanit, kemm jekk ikkalċinati u kemm jekk le; mullit; materjali tal-art chamotte jew ta' dinas (għajr kawlina u tafal tal-kawlina ieħor, u tafal espandut)
2509	Ġibs
2512	Frakass fossili siliċuż (pereżempju, kieselguhr, tripolit u diatomit) u materjali tal-art siliċużi simili, kemm jekk ikkalċinati u kemm jekk le, ta' gravità speċifika fid-dieher ta' 1 jew inqas
2515	Irħam, travertina, ecaussine u ġebel kalkarju ieħor għall-monumenti jew għall-bini ta' gravità speċifika fid-dieher ≥ 2,5, u alabastru, kemm jekk żmarrati jew sempliċiment maqtugħin, permezz ta' ssegar jew mod ieħor, fi blokok jew f'ċangaturi ta' forma kwadra jew rettangolari u kemm jekk le
2518	Id-dolomit, kemm jekk ikkalċinat jew sinterizzat u kemm jekk le, inkluż id-dolomit żmarrat jew sempliċiment maqtugħ, permezz ta' ssegar jew mod ieħor, fi blokok jew f'ċangaturi ta' forma rettangolari (inkluż kwadra)
2519	Karbonat ta' manjeżju naturali (manjeżit); manjeżja fuża; manjeżja maħruqa għalkollox 'sinterizzata', kemm jekk fiha kwantitajiet żgħar ta' ossidi oħrajn miżjuda qabel is-sinterizzazzjoni u kemm jekk le; ossidu tal-manjeżju ieħor, kemm jekk pur u kemm jekk le
2520	Ġipsum; anidrite; materjal tal-kisi (li jikkonsisti f'ġipsum ikkalċinat jew sulfat tal-kalċju) kemm jekk ikkulurit u kemm jekk le, bi kwantitajiet żgħar ta' aċċelleraturi jew ritardaturi jew mingħajrhom
2521	Flux tal-ġebla tal-franka; ġebla tal-franka u ġebel kalkaruż ieħor, tat-tip użat fil-manifattura ta' ġir jew siment
2522	Ġibs verġni, ġir imħallat bl-ilma u ġir idrawliku, għajr ossidu u idrossidu tal-kalċju tal-intestatura 2825
2525	Majka, maqsuma f'folji jew f'biċċiet jew le; skart tal-majka
2526	Steatit naturali, kemm jekk żmarrat jew sempliċiment maqtugħ, permezz ta' ssegar jew mod ieħor, fi blokok jew f'ċangaturi ta' forma rettangolari (inkluż kwadra) u kemm jekk le; terra
2530	Sustanzi minerali mhux speċifikati jew inklużi band'oħra
2602	Minerali u konċentrati tal-manganiż, inklużi minerali u konċentrati tal-manganiż ferruġinuż b'kontenut ta' manganiż ta' 20 % jew aktar, ikkalkulat fuq il-piż xott
2613	Minerali u konċentrati tal-molibdenum
2615	Minerali mhux maħduma u konċentrati tan-niobju, tat-tantalu, tal-vanadju jew taż-żirkonju
2701	Faħam; briquettes, ovojdi u karburanti solidi simili manifatturati mill-faħam

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
2702	Lignite, mgħaqqad jew le, għajr ġett
2703	Pit (inkluż skart tal pit), mgħaqqad jew le
2704	Kokk u semikokk tal-faħam, tal-linjit jew tal-pit, mgħaqqad jew le; karbonju tal-istorta
2707	Żjut u prodotti oħrajn mid-distillazzjoni ta' qatran tal-faħam f'temperatura għolja; prodotti simili li fihom il-piż tal-kostitwenti aromatiċi jaqbeż dak kostitwenti mhux aromatiċi
2708	Żift u kokk taż-żift, miksub mill-qatran tal-faħam jew minn qatran minerali ieħor
2710	Żjut tal-petroleum u ż-żjut miksubin mill-minerali bituminużi (għajr dawk grezz); preparati li fihom ≥ 70 % bħala toqol ta' żjut tal-petroleum jew ta' żjut miksuba minn minerali bituminużi, dawn iż-żjut li huma l-kostitwenti bażiċi tal-preparati, mhux speċifikati banda oħra; żjut ta' skart magħmulin l-aktar mill-petroleum jew minerali bituminużi
2712	Jelly tal-petroleum, xama' bajda, xama' tal-petroleum mikrokristallina, slack wax, ożoċerit, xama' tal-linjite, xama' tal-peat, xemgħat oħrajn minerali, u prodotti simili miksubin b'sinteżi jew bi proċessi oħrajn, kemm jekk ikkuluriti u kemm jekk le
2715	Mastiċi bituminużi, cut-backs u taħlitiet bituminużi oħra bbażati fuq l-asfalt naturali, fuq il-bitum naturali, fuq il-bitum tal-petroleum, fuq il-qatran minerali jew fuq iż-żift tal-qatran minerali - Oħrajn
2801	Fluworin, klorin, bromin u jodju
2802	Kubrit, sublimat jew preċipitat; kubrit kollojd
2803	Karbonju (iswed tal-karbonju u forom oħra ta' karbonju mhux speċifikati jew inklużi banda oħra)
2804	Idroġenu, gassijiet rari u non-metalli oħrajn
2806	Klorur tal-idroġenu 'aċtu idrokloriku'; aċtu klorosulfuriku
2811	Aċti inorganiċi oħrajn u komposti inorganiċi oħrajn tal-ossiġnu ta' non-metalli
2813	Sulfuri tan-nonmetalli; trijusulfid tal-fosforu kummerċjali
2814	Ammonja, anidra jew f'soluzzjoni ta' ilma
2815	Idrossidu tas-sodju 'soda kawstika', idrossidu tal-potassju 'potassa kawstika'; perossidi tas-sodju jew potassju
2817	Ossidu taż-żingu; perossidu taż-żingu
2818 30	Idrossidu tal-aluminju
2819	Ossidi u idrossidi tal-kromu
2820	Ossidi tal-manganiż

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
2821	Ossidi u idrossidi tal-ħadid; kuluri tal-art li fihom 70 % jew iktar skont il-piż ta' ħadid ikkombinat evalwat bħala Fe_2O_3
2822	Ossidi u idrossidi tal-kobalt; ossidi tal-kobalt kummerċjali
2823	Ossidi tat-titanju
2825	Idrazina u idrossilammina u mlieħ inorganiċi tagħhom; bażijiet inorganiċi, ossidi, idrossidi u perossidi tal-metall, mhux speċifikati xi mkien ieħor
2827	Klorur, ossidi tal-klorur u idrossidi tal-klorur; bromuri u ossidi tal-bromur; joduri u ossidi tal-jodur
2828	Ipokloriti; ipoklorit tal-kalċju kummerċjali; kloriti; ipobromati
2829	Klorati u perklorati; bromati u perbromati; jodati u oerjodati
2832 20	Sulfiti (għajr is-sodju)
2833	Sulfati; allumi; perossosulfati 'persulfati'
2834	Nitriti; nitrati
2835	Fosfinati (ipofosfiti), fosfonati (fosfiti) u fosfati; polifosfati, kemm jekk definiti kimikament u kemm jekk le
2836	Karbonati; perossikarbonati 'perkarbonati'; karbonat tal-ammonju kummerċjali li jkun fih il-karbamat tal-ammonju
2839	Silikati; silikati tal-metall alkali kummerċjali
2840	Borati; Perossoborati (perborati)
2841	Melħ ta' aċidi ossometalliċi jew perossometalliċi
2843	Metalli prezzjużi kollojdali; komposti inorganiċi jew organiċi tal-metalli prezzjużi, kemm jekk definiti kimikament u kemm jekk le; amalgami tal-metalli prezzjużi
2846	Komposti, inorganiċi jew organiċi, ta' elementi kimiċi metalliċi rari (rare-earth metals), ta' ittirju jew ta' skandju jew ta' taħlitiet ta' dawn il-metalli
2847	Perossidu tal-idroġenu, kemm jekk issolidifikat bl-urea u kemm jekk le
2901	Idrokarburi aċikliċi
2902	Idrokarboni ċikliċi
2903	Derivattivi aloġenati ta' idrokarboni

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
2904	Derivattivi ta' idrokarboni sulfonati, nitrati jew nitrosati, aloġenati jew le
2905	Alkoħoli aċikliċi u d-derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom
2906	Alkoħoli ċikliċi u derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrożati tagħhom
2907	Fenoli; fenolalkoħols
2909	Eteri, eter-alkoħoli, eter-fenoli, eter-alkoħol-fenoli, perossidi tal-alkoħol, perossidu tal-etere, perossidi tal-keton, kemm jekk definiti kimikament u kemm jekk le, u derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrożati tagħhom
2910	Epossidi, epoksialkoħoli, epossifenoli u epoksieteri, b'ċirku bi tliet membri, u d-derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom
2911	Aċetali u emiaċetali, sew jekk b'funzjoni ta' ossiġenu oħra jew le, u d-derivati aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrużati tagħhom
2912	Aldeidi, kemm jekk b'funzjoni oħra ta' ossiġenu u kemm jekk le; polimeri ċikliċi tal-aldeidi; paraformaldeid
2914	Ketoni u kinoni, kemm jekk b'funzjoni ossiġenu u kemm jekk le, u derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrożati tagħhom
2915	Aċidi monokarbossiliċi aċikliċi saturati u anidridi, aloġenuri, perossidi u perossiaċidi tagħhom; derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrożati tagħhom
2916	Aċidi monokarbossiliċi aċikliċi mhux saturati, aċidi monokarbossiliċi ċikliċi, anidridi, aloġenuri, perossidi u perossiaċidi tagħhom; derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrożati tagħhom
2917	Aċti polikarboksiliċi, l-anidridi, alidi, perossidi u l-perossiaċidi tagħhom; derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrożati tagħhom
2918	Aċti karbossiliċi b'funzjoni ossiġenu żejda u l-anidridi, alidi, perossidi u perossiaċidi tagħhom; derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrożati tagħhom
2920	Esteri ta' aċidi inorganiċi ta' nonmetalli u mlieħ tagħhom; derivattivi aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrożati tagħhom
2921	Komposti funzjoni-amina
2922	Komposti tal-ammino b'funzjoni ta' ossiġenu
2923	Imlieħ u idrossidi ta' ammonju kwaternarju; Leċitini u fosfoaminolipidi oħra, definiti kimikament jew le
2924	Komposti b'funzjoni ta' karbossiammid; komposti b'funzjoni ta' ammid tal-aċidu karboniku
2925	Komposti b'funzjoni ta' karboksimida, inkluża sakkarina u l-melħ tagħha u komposti b'funzjoni ta' imine

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
2926	Komposti b'funzjoni ta' nitril
2929	Komposti b'funzjoni-nitroġenu oħra
2930	Komposti organo-sulfuriċi
